



BAĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR: IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ LIL HINN MILL-2020

#EUBUDGET #EUROAD2SIBIU #FUTUREOFEUROPE
#EUSOLIDARITYCORPS



Ġunju 2018

Sa minn mindu tnieda fl-2016, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fetaħ għadd kbir ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh ta' bejn is-17 u t-30 sena li jixtiequ jagħtu kontribut siewi lis-soċjetà u juru s-solidarjetà – permezz ta' volontarjat, apprendistati jew impjegji.

"Temmejt Masters fil-Liġi f'Lulju li għadda iżda verament ridt nagħmel xi ħaġa aktar diffiċli, xi ħaġa Prattika li tħalli impatt fuq ħajjet in-nies. Minħabba f'hekk, ingħaqadt mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà."

Geraldine, apprendista mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, operatur legali u medjatur kulturali, Euroform RFS, Cosenza, l-Italja

"Offrejt li nkun voluntiera għax ridt nikseb perspettiva usa' tad-dinja u ntejjeb il-ħiliet personali u l-esperjenza tax-xogħol tiegħi. Jien voluntiera f'ċentru għall-ażil. Norganizza sessjonijiet ta' ħidma għan-nisa fiċ-ċentru dwar il-benesseri. Hekk tibda r-relazzjoni bejn persuni li jaħdmu hawn u l-persuni li jgħixu hawn."

Laura, voluntiera mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Red Cross, Eupen, il-Belġju

X'HEMM ĠDID GĦALL-PERJODU 2021-2027?

GĦALL-BAĠIT TAL-UE GĦALL-PERJODU 2021-2027, IL-KUMMISSJONI TIPPROPONI LI:

- J iżdied il-baġit tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għal **€1.26 biljun** biex ikunu jistgħu jieħdu sehem mill-anqas **350,000** żaġħżuġha u żaġħżuġha.
- Isiru attivitajiet tal-volontarjat li jappoġġaw l-operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja (**l-iskema tal-Voluntiera tal-Għajjnuna tal-UE**) bħala parti mill-Korpi ta' Solidarjetà.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà



Tmiem l-2016 – nofs l-2018
Appoġġat bi 8 programmi eżistenti tal-UE

Nofs l-2018 – tmiem l-2020
Proposti għal Bażi legali u baġit speċjali għalih: € 375.6 miljun biex ikunu jistgħu jieħdu sehem 100,000 żaġħżuġh u żaġħżuġha

Jesprimi s-solidarjetà taż-żgħażaġh permezz tal-volontarjat, apprendistat u l-impjegji

2021 – 2027

€1.26 biljun għal mill-inqas
350,000 parteċipant,
inkluż għall-appoġġ f'operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja

IL-VALUR MIŻJUD

Il-proposta l-għdida tibni fuq il-kisbiet u l-esperjenzi s'issa tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà: **Twessa' l-ambitu tal-inizjattiva** biex tilħaq aktar żgħażaġh u aktar komunitajiet fil-bżonn, u tikkonsolida l-Korp ta' Solidarjetà bħala **aċċess uniku għall-opportunitajiet** għaż-żgħażaġh li jixtiequ jimpjenjaw ruħhom fis-solidarjetà billi tinkludi fih l-iskema tal-UE għall-Voluntiera tal-Għajnuna.

WARA L-2020, IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ SE JISSOKTA JAPPOĠĠA L-AZZJONIJET LI ĠEJJIN:

- Volontarjat fl-attivitajiet ta' solidarjetà
- Apprendistati u impjegi fis-solidarjetà
- Proġetti ta' solidarjetà mmexxija miż-żgħażaġh u mwettqa minn tal-anqas f'ames volontiera.
- Volontarjat li jappoġġa l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja (dik li kienet tissejjaħ l-iskema tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE)
- Attivitajiet ta' netwerking imsejsa fuq is-sens ta' appartenenza fil-Korp (netwerks tal-alumni, avvenimenti)
- Miżuri ta' kwalità u appoġġ bħal assigurazzjoni, taħriġ u ċertifikat fi tmiem il-kollokament



**EUROPEAN
SOLIDARITY
CORPS**

Għal informazzjoni dwar kif tiegħu sehem bħala individwu jew organizzazzjoni, żur il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà <https://europa.eu/youth/solidarity>.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-għdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Il-politika tal-użu mill-għdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhux taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

PDF ISBN 978-92-79-86900-6
doi:10.2766/862266
NC-04-18-533-MT-N

L-ISTORJA FIL-QOSOR TAL-KORP TA' SOLIDARJETÀ

- l-14 ta' Settembru 2016** Il-President Juncker iħabbar il-ħolqien tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2016 quddiem il-Parlament Ewropew
- is-7 ta' Diċembru 2016** Jitnieda l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- it-8 ta' Marzu 2017** Jibda t-tlaqqiġ taż-żgħażaġh mal-organizzazzjonijiet għall-attivitajiet ta' solidarjetà
- l-20 ta' Marzu 2017** L-ewwel membru tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tibda l-kollokament tagħha
- it-30 ta' Mejju 2017** Il-Kummissjoni tipproponi aktar minn €340 miljun għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
- Ġunju 2018** Mistenni ftehim politiku fost l-istituzzjonijiet tal-UE biex il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkollu l-baġit speċjali għalih
- Ġunju 2018** Proposta għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà lil hinn mill-2020
- Ġunju 2018** Mistenni ftehim politiku fost l-istituzzjonijiet tal-UE biex il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkollu l-baġit tiegħu stess għall-2018-2020
- 2018-2019** Isiru negozjati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-baġit fit-tul futur, inkluż il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Print ISBN 978-92-79-86914-3
doi:10.2766/16735
NC-04-18-533-MT-C